MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 414/2008

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn liema zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghom tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunses tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabeix prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett fil-ligi; u

2. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li hu jaqbel li z-zwieg taghhom huwa null, jattribwixxi din in-nullita’ ghall-istess capita nullitatis indikati mill-attrici, u attribwibbli liz-zewg partijiet ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu, il-konvenut jaderixxi mat-talba attrici, ghall-istess ragunijiet promossi minnha.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu civilment fit-23 ta’ Gunju 2007 meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 29 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena u nofs. Wara konvivenza matrimonjali ta’ xahar, huma sseparaw de facto, u llum iz-zewg partijiet ghandom relazzjoni extra-matrimonjali ma’ haddiehor.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li, ghalkemm huma kienu lhom jafu lil xulxin circa sena u nofs, huma ma kienux jiltaqghu tas-spiss, u dana peress li l-attrici, li tahdem bhala airhostess mal-kumpanija ta’ l-ajru Emirates Airlines, kienet stazzjonata f’ Dubai u kienet tinzel Malta circa tlett-ijiem fix-xahar, u dan minghajr pre avviz.

Sussegwentement hija kienet ipproponiet lill-konvenut li jizzewgu bic-civil biss, u xahar wara, huma zzewgu minghajr ma kienu jafu l-genituri taghhom. Di fatti ma sar ebda festin celebratorju. L-attrici tispjega li huma ma kienux izzewgu bil-knisja “ghax l-ewwel ipprovajna bic-civil halli nara jekk tahdimx”[1] u dan bil-hsieb li aktar il-quddiem “nizzewgu normali” u cioe’ bir-rit religjuz. Kien hemm “il-

[1] Dep. Fol.26 *et seq.*

hsieb li se nizzewweg verament [sic] bil-knisja mieghu, pero' mbaghad l-affarijiet bdew gejjin hazin."

Wara li zzewgu, hija hadet xahar leave mix-xoghol taghha sabiex ikunu jistghu jikkonvivu flimkien, izda hemm intebhu li ma kienux lesti ghall-pass li hadu, bir-rizultat li kienu jillitgaw kwazi kuljum. L-attrici tghid li hi kienet eskludiet it-tfal minn dan iz-zwieg minhabba l-impenji tax-xoghol taghha, u dawk tal-konvenut li kien jahdem sieghat twal ; u tghid li "ma rridx li jkolli t-tfal, u kwazi nrabbihom wahdi."

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jaqbel mal-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici. Huwa jikkonferma li kienu zzewgu bir-rit civili, malajr, u, wara li jaraw kif imorru, "nizzewgu kif suppost bil-knisja."[2] Jikkonferma wkoll li l-glied kien ikun minhabba l-impenn tax-xoghol taghhom li kien johdilhom hafna mill-hin taghhom. Fi kliemu "..[il-glied] fuq ix-xoghol, ghax meta tinzel Malta kienet tkun trid li jiena ma nahdimx, u jien kien ikolli hafna appuntamenti, u ma tistax taqbad tfaqqa subajk u tnehhi mill-appuntamenti." Jghid li, minhabba l-commitments tax-xoghol taghhom, huma kienu eskludew li jkollhom tfal fiz-zwieg.

Rigward id-decizjoni maghggla li jizzewgu, il-konvenut jghid li, kieku kien ghalih, huwa kien jhalli aktar zmien jghaddi qabel ma jizzewgu, izda kien accetta l-proposta taz-zwieg maghmula mill-attrici, minhabba li kellu attrazzjoni fizika qawwija lejha. Jghid ukoll: "Kont immatur."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi dan hu zwieg li sar, bil-ghaggla esagerata, minghajr hsieb, u bi probation bil-ghan li jizzewgu "kif suppost" u "b' mod normali" bil-knsija wara jkunu raw kif jmorru. Iz-zewg partijiet kienu mpenjati hafna bix-xoghol taghhom, u kienu jiltaqghu ftit, liema fatt kien rabba fihom il-hsieb li ma jkollhomx tfal fiz-zwieg.

---

[2] Fol.49 *et seq.*

Fil-kaz in disamina l-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-fatti provati jirrizulta car li huma ma kienux fehemu l-import tal-hajja matrimonjali, bid-drittijiet, obbligazzjonijiet u responsabilitajiet li din necessarjament iggib maghha. Huma zzewgu bi prova!

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta’ Gunju 2007.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------